MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 780/2003

**Commonwealth Educational Society Limited ta' Nassau, Bahamas kif rappresentata lokalment mill-mandatarju taghha Godfrey Aquilina**
**vs**

**Charles Schembri**

**It-Tribunal,**
**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fit-22 ta' April, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mija u erbatax-il lira Maltija (Lm114.00), bilanc ta' prezz ta' diversi kotba mibjugha lill-konvenut u kkonsenjati ai termini ta' l-iskrittura ffirmata bejn il-partijiet;**
**Is-socjeta` attrici qieghda titlob ukoll il-hlas ta' l-imghaxijiet dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-prezentata ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Dicembru, 2002 u bl-ispejjez ta' l-istess ittra ufficjali kif ukoll l-ispejjez tat-talba kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda tal-P.L. Josette Attard ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra' l-Art.13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lilll-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u erbatax-il lira Maltija (Lm114.00) bl-imghaxijiet legali mis-6 ta' Dicembru, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Dicembru, 2002, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------